057

# "L - I S B A H   R I G A L"

Kummiedja Socjali

ta'

CHARLES IZZO

B'dedica lil Carmelo Galea Salesjan

Salesian Theatre

- Sliema -

Script Nos: 397

# " L-ISBAH RIGAL "

Kummiedja Socjali

ta'

'Janisse'

**Jiehdu Sehem:-**

| | | |
|---|---|---|
| Anton | Il-guvni | 18-il-sena |
| Roza | L-Omm | 42 sena |
| Salvinu | Il-missier | 45 sena |
| Liza | In-nanna | 66 sena |
| Karmenu | In-nannu | 70 sena |
| Dolor | Is-seftura | 48 sena |

---

X'jidher:-

Kamra tal-pranzu, b'sett tal-kewba shih. Bieb fil-fond fin-nofs, iehor in-naha tal-lemin w iehor in-naha tax-xellug.

---

Illum.

Lemin u Xellug ta' l-attur.

(Kif tinfetah il-purtiera, Roza tkun qeghda tqieghed f'posthom fuq il-mejda, li tkun fin-nofs tax-xena, sitt kikkri u platti, u malli tqieghed ta' l-ahhar tidhol Dolor mil-lemin bil-buqar tal-halib u zakkariera parigg il-kikkri.)

Dolor - M'ghidtlix li se tkunuwehidkom sinjura, ghax is-Sur Anton ma xtaq jistieden lil hadd?

Roza - Hemm ghalfejn terga' tistaqsini Dolor?

Dolor - Skuzani sinjura. Staqsejtek ghax qeghda narak tarma l-mejda ghal sitta w intom tlieta biss.

Roza - Ma jidhirlekx li hekk tidher iktar imzejna l-mejda, Dolor?

Dolor - Dazgur. Donnu fiha hajja iktar.

Roza - U fl-istess hin, jekk Anton jerga' jibdilu u jistieden xi habib, postu jkun lest.

(Sadattant Dolor tkun qeghdet il-halib u z-zokkor fuq il-mejda u Roza tqeghdom f'posthom).

Dolor - Mhux ghax ma jmissux gieb xi erbat ihbieb. Wehidkom il-festa sejra tkun kwieta wisq. Donnok trid xi hadd barrani biex iqanqal ftit allegrija.

Roza - Sewwa qeghda tghid Dolor, u mhux minni naqas, ghax xtaqt hafna li f'gheluq it-tmintax-il-sena tieghu narah ferhan u kuntent. Imma donnu m'ghandu aptit ta' xejn............ Newwilli l-kuccarini s-sbieh Dolor.

Dolor - (Waqt li tnewwel sitt kuccarini mill-vetrina) Jiena nista' nobsor il-ghala is-Sur Anton m'ghandu aptit ta' xejn.

Rosa - (Waqt li tiehu l-kuccarini biex tqeghdom f'posthom). X'tahseb li ghandu Dolor?

Dolor - Hu m'ghandu xejn. Imma inti sinjura skuzani ghax se nghidlek, wiccek ma nafx kif qed jidher dan- l-ahhar; donnok ghandek xi haga tinkwietak, iddejqek.

Roza - Huwa jiena nista' mkun ferhana Dolor?

Dolor - Ghandek ragun sinjura. Imma,... mhux ghax irrid nindahhalek, ma tridx tinsa li s-Sur Anton jhobbok hafna; dejjem mohhu fik. Meta jarak qalbek sewda, m'ghandniex xi nghidu, isewwed qalbu hu wkoll.

Roza - Hallini Dolor. Hallini ghax m'ghandix aptit inpacpac. ......it-tea pot nadaftu?

Dolor - Lest sinjura.

Roza - Lesti t-te' fih u halli l-mishun fis-shana. X'hin nghidlek gib it-te', il-"cake", is-sandwiches," u l-"jelly".

Dolor - Iva sinjura. Jiena nkun qeghda fil-kcina.

(Tohrog mil-lemin).
( Roza, bhal wahda li ghajjiet bil-wieqfa, toqghod bil-qeghda ma' genb il-mejda, darha lejn ix-xellug; tqieghed minkbejha fuq il-mejda u sserrah fuq il-pala ta' ida l-lemenija. Tidhol mix-xellug Anton).

Anton - Mama'.....
(Roza tqum b'salt, bhal wahda li tistembah minn holma).

Xi gralek mama'?

Roza - Xejn ....Kont qeghda nistrieh ftit.

Anton - Ma tiflahx?

Roza - Tinkwietax ruhek... M'ghandi xejn. Hassejtni daqsxejn ghajjiena.

Anton - Inti qeghda tahdem wisq mama'. Ghandek bzonn tistrieh ftit. Ghalfejn din il-fittagni kollha fid-dar? Sahtek ghandha tigi qabel kollox..... Meta narak hekk, tinkwietani.

Rosa - Hallik mill-inkwiet. Illum ma rridx narak imdejjaq. Jiena m'ghandi xejn. Inhossni tajba u f'sahhti.

Anton - Lili ma tistax tahbili mama'. Ili ninduna li m'intix f'siktek. Inti ghandek xi hsieb li qieghed jifnik. .....U nista' nahseb x'innuwa dak li qieghed isewwidlek qalbek.

Roza - Anton, mhux waqt li noqghodu nsewdu qalbna b'hafna hsibijiet. Illum ghalaqt tmintax-il sena u ghandna nhossu ruhna ferhana.

Anton - Jiena ma nistax inhoss ruhi ferhan iktar milli jien. ..... U lilek irrid narak ferhana wkoll, qeghda tifhimni?

Roza - Ma nafx il-ghala ma hallejtnix naghmillek festa kif xtaqt jien. Ghalfiex ma hallejtnix nistidinlek xi ftit hbieb? Konna nallegraw ruhna izjed.

Anton - Iktar inhoss ruhi kuntent maghkom biss.

Roza - L-anqas rigal ma hallejtni nixtrilek.

Anton - M'ghidtlekx li se naghzlu jien ir-rigal?

Roza - U x8hin se tghidli x'inhu dan ir-rigal?

Anton - Izjed tard mama'.... Issa se nohrog ftit.

Roza - Kif, jiereg?....U l-festa x'hin se nibdewna?

Anton - Tal-waqt nerga' lura mama'. Bejjer niltaqa' man-nannu ghax, nghidlek is-sewwa, stedintu biex ikompli maghna fil-festa. Hassejt li hu jiehu gost joqghod ftit hdejja fl-okkazzjoni tal-lum.........Ma jimpurtax hux, mama'?

Roza - L-anqas xejn. Anzi qeghda niehu gost li ghidtlu. Gall-inqas ikun hawn xi hadd mistieden. Wara kollox ghandek id-dritt tistieden lil min tixtieq, ghaliex il-festa hija tieghek, ghax int ghalaqt sninek.

Anton - Grazzi mama'. Jiena kont naf li tiehu gost bin-nannu.

Roza - Ghadek m'ghidtlix x'rigal tak il-papa'.

Anton - Ir-ragal se jgibu n-nannu mieghu.

Roza - Ferah bik?

Anton - Ma nistax infehmek kemm, mama'. Spiccajna biex middejna rasna fuq spallejn xulxin u nfqajna f'bikja. ........Le, le ma; tibkix int ukoll.....Ma rridx narak tibki. Bkejt bizzejjed f'hajtek. Jiena kont ghadni zghir u ma stajt maghmel xejn biex infarrag in-niket tieghek. Imma llum ghandi tmintax u m'ghadnix dak it-tifel ta' tlettax-il-sena li, minghajr ma jitniffes, joqghod fejn iqeghduh. Illum nhoss li nista' nifhem dak kollu li qeghdin issofru kemm int u kemm il-papa'.... Inhoss li ma nixtieq xejn izjed hlief li narakom it-tnejn kuntenti.

Roza - Ma tantx hi haga li tista' tkun ibni.

Anton - Min jaf?..... Bejjer mama', ghax ma nixtieqx inhallih jistenna lin-nannu.....Tal-waqt inkun hawn.

Roza - Mur....u ddumx.

(Anton itaptap b'idu fuq spallejn Rosa, jitbissem u johrog minn-nofs, waqt li hi tibqa' tħares lejn. Imbaghad, Roza tersaq hdejn il-bieb tal-lemin).

Roza - Dolor!

Dolor - (Minn gewwa) Hawn sinjura.

Roza - Gib il-"cake" ..... Oqghod attenta, ara ma twaqqax ix-xemgha.

(Roza tixxotta xi demgha li qabzitilha, tersaq thares lejn il-mera tal-vetrina u tirranga xgharha. Tidhol mil-lemin Dolor bil-"cake" bi tmintax il-semgha).

Dolor - Hawn sinjura.

Roza - Gib.

(Roza tiehu l-cake minn idejn Dolor u tqeghdu fuq il-mejda).

Dolor - Irnexxa hux sinjura? L-anqas ta' barra ma jigu sbieh hekk.

Roza - Anton iktar joghgbu l-helu tieghi minn tal-hwienet Jiehu gost bijzgur.

Dolor - Trid xi haga ohra sinjura?

Roza - Ghalissa xejn. Meta jaslu newlilna l-te', is-sandwiches u l-"Jelly".

Dolor - Meta jaslu? Mela se jkun hawn xi hadd mistieden sinjura?

Roza - Anton stiden lil nannuh.

Dolor - Lil nannuh? Jiena ghidt forsi thajjar jistiedem xi habiba tal-qalb.

Roza - Ibni ghadu zghir u mhux meghdi f'dal-hmerijiet Dolor.

Dolor - Dak tghidux sinjura. Meta l-guventur jaslu ta' dak id-daqs, ftit jew wisq kolla ~~xxxxxxxxx~~ jitbellhu.

Roza - Imma mhux Anton tieghi. Ibni bil-ghaqal u m'ghandix biza' li jitbellah malajr..... Isa Dolor, mur ara x'ghandek taghmel ghax dal-waqt jaslu.

Dolor - Iva sinjura.

(Tohrog mil-lemin u fil-hin tidhol LIZA mix-xellug).

Liza - Jaqaw hareg Anton?

Roza - Iva..... Imma dal-waqt jigi.

Liza - Nahseb li raha li m'hiex haga f'lokka li nghaddu l-festa wehidna u mar jistieden ci ftit hbieb tieghu.

Roza - Le, mhux ghalhekk hareg. Anton baqa' ta' l-istess fehma, li ma jridx barranin.

Liza - Allura x'hareg jaghmel?

Roza - Mar jiltaqq' ma' nannuh.

Liza - Se jgibu hawn?

Rosa - Xtaq li nannuh ikompli maghna fil-festa ckejkna li se naghmlulu.

Liza - (B'lehen li turi li m'hix tiehu pjacir) Basta qal li ma jrid jistieden lil hadd.

Roza - Nannuh mhux xi barrani.

Liza - M'huwiex naf. Imma bih u minghajru xorta wahda. Mhux se jallegrana hu.

Roza - Ma nafx il-ghala tirraguna hekk mama'. Lil Anton ihobbu hafna u la xtaq igibu sinjal li jiehu gost bih. Il-festa hija t'Anton u ghandu/dritt jistieden lil min jixtieq hu. Wara kollox, jekk lilek jirrispettak ghax nantu, lilu ghandu d-dritt jirrispettah xorta wahda bhala nannuh.

Liza - Se thallat lil nannuh mieghi? Anton ghix dejjem mieghi u tista' tghid li rabbejtu jiena.

Roza - Ghax inzerta li meta zzewwigt zammejtek mieghi u ma' nannuh ma stajtx naghmel dan.

Liza - Donnu qieghed jiddispjacik li zammejtni mieghek. Ghandek ragun, ghax issa kbirt u lilna x-xjuh tarawna zejda. Jekk xbajt minni nitlaq. M'inhix sejra ma nsibx fejn indahhal rasi.

Roša - Issa dana mhux kollu kliem zejjed mama'?

Liza - Le, le, mhux kliem zejjed. Jiena ndunajt li qeghda ndejqekm ghax dan l-ahhar kull meta nidtah halqi biex inkellmek malajr tahtafni. Taf x'nghidlek biss. Tinsiex kemm thabadt sakemm rabbejtek,... u rabbejtek tajjeb, ghalkemm tlift lil missierek meta kien ghad kellek sitt snin.

Roza - Jidhili li ghamilt kull ma stajt biex inpattilek. Kulhadd jigu granet fuqu li fihom ikun imdejjaq.

Liza - Ma jidhirlix li ghandek biex tkun imdejqa. Flus f'idejk ghandek; seftura tajba ghandek ukoll; ibnek jirrispettak u jogghod attent li ma jonqsokx xi trid iktar?

Roza - Irrid dak li hu tieghi!

Liza - Tieghek?.... X'jigifieri?

Roza - Irrid lil zewgi!

Liza - X'se tqanqal wara hames snin?

Rosa - Hames snin!..... Daqshekk ili nsofri, gurnata iktar minn ohra; imcahda mill-imhabba li ghaliha zzewwigt; maqtugha mill-ghaqda li ntrabadt fiha biex ikolli ma' min naqsam in-niket u l-ferh. Il-firda taghna kienet zball zball kbir.

Liza - Zball tinfired minn ragel li ngannak?

Roza - Zbalja naf. U ghax zbalja darba biss, ahna, minghajr hniena, ikkundannajnih ghal ghomru.

Liza - Min joqtol jghallquh.

Roza - Ghax hekk tghid il-ligi civili. Imma r-religjon hekk tghallimna? Ftit jew wisq, kullhadd jigu waqtiet hziena fuqu li fihom jizbalja. Kieku kull bniedem li jizbalja ma jigi mahfur qatt, ibqa' zgurha li lkoll nidgerbu lejn l-infern sejrin.

Liza - Issa qeghda tirraguna hekk! Tinsiex kemm hadtha bi kbira meta gara l-kaz. Kemm bghadt is-siegha li laqqatek mieghu; kemm xtaqtlu deni u kemm il-darba ghidt li qatt izjed ma trid tara wiccu.

Roza - Veru! Ma stajtx nirraguna mod iehor ghax jiena naf x'hassejt. Qalbi kienet mugugha. Il-genna li kont qeghda nghix fiha rajtha mibdula f-infern li gejt ikkundannata nghix fih ghal ma' tul hajti.

Liza - U hadt il-pass li kienet tiehu kull mara ta' gieh. Hadd ma jista jehodha kontra tieghek ghax infridt minnu. X'ridt?.... Li tibqa' tghix mieghu?

Roza - Dak il-hin le. Kienet haga li ma stajtx inhossha. ....Imma issa ghaddew hames snin.....

Liza - Iz-zmien ma jhassarx il-htija.

Roza - Imma jtaffi u jgieghlek tirraguna iktar bil-ghaqal. X'sejra niehu billi nghix ghomri kollu mifrudha minnu?

Liza - Kif qatt tista' tohlom li terga tinghaqad mieghu?..... Biss, biss, ghal ilsien in-nies.

Roza - Allura biex insikket ilsien in-nies ghandi nimxi kontra dak li qeghda tghidli l-kuxjenza?! Imbaghad jiena m'ghandix inqis lili biss; ghandi nqis lilu wkoll.

Liza - Lilu?

Roza - Ghaliex le'?.... Dan il-bniedem zbalja, zbalja bl-ikreh. .........Imma nidem,..... naf zgur li nidem. Ghaliex ghandu jibqa' hajtu kolla jsofri? Ghaliex m'ghandhiex tigina hniena minnu u nahfrulu?

Liza - Mela ahna ma hfirnilux! Imma billi tahfirlu mhux mehtieg li terga taqa' ghalih u tmur tghix mieghu.

Roza - Allura ghandu jibqa' kkastigat ghomru kollu?

Liza - Jisthoqqlu!..... Li kien tassew ragel, qatt ma kien jaqa' fl-izball.

Roza - Ghaliex qeghda tirraguna hekk mama'? Mela fid-dinja mhux kulhadd suggett ghall-izbalja?

Liza - Ibqa' zgura li min jizbalja darba jerga' jaqa' ghat-tieni darba.

Roza - Jekk nirragunaw jekk, nistghu ma mmorrux inqerru.

Liza - Dawn mhux affarijiet li ddahhal ir-religion fihom.

Roza - Ghal kuntrarju. Jiena nhoss li m'hemmx hag' ohra izjed soda li fuqha tista' tibni r-raguni.

Liza - Qeghda titkellem bla sens. Qeghda thalli l-qalb tajba li ghandek tigbdek minn imniehrek biex twaqqghek fl-ikbar zball li tista' taghmel f'hajtek.

Roza - Zball?.... Zball nghix ma' ragel li nghaqadt mieghu b'sakrament li tatna r-religjon?

Liza - Tghix mieghu meta huwa zeblah dan is-sagrament?

Roza - Jiena zzewwigtu ghat-tajjeb u ghall-hazin u d-dmir tieghi huwa li nghix mieghu.

Liza - Belha!

Roza - Forsi belha.... Imma nhoss li din il-bluha biss tista' terga' ggibli l-paci,

Liza - Il paci?!.... Tahseb li fih se ssib il-paci?!..... Kemm int twajba! Mur.... Mur inghaqad mieghu..... Mur erga' gibu jghix mieghek.........Imma jiena ma naqax! Malli jidhol hu hawn gew, nohrog jiena!

Rosa - Kont nobsor li hekk se tghidli. Inti taf li b'hekk biss tista' torbotni, ghax taf li m'ghandix hila ninfired minnek. Jiena zammejtek mieghi dejjem u inti zgura li m'inhix se nitilqek issa, fi zjuhitek. Ma jimpurtax.....Nibqa' nghix fin-niket, qalbi marida.

Liza - Marida qalbi! Wara li rabbejt lil binti, li ma kellix hliefha, f' ghozza liema bhala, naraha ngannata minn zewgha. Ghidli x'jibqa fik li kont minn floki? Kif tridni ngerra 'l dal-bniedem quddiem ghajnejja, meta naf li zeblah l-iktar haga ghaziza li ghandi fid-dinja? Nista' nhoss hniena ghalih? Nahfer, ghax ir-religion tghidli li ghandi nahfer; imma ninsa.. .... Hawn xi omm li tista' tinsa lil min jahqar lill-uliedha?

Roza - Irrid nghid li ghandek ragun thoss dan kollu... Imma jiena ma nistax ninsa li huwa zewgi;... li qieghed jitmani''l-ibni.....u lilek ukoll.

Liza - Se tqis id-dagsxejn ta' bukkun tieghi?... Mur ara x'qed jiswielu .......Ma ridtux, minn fuq, ihallik tmur titlob?.... Imma issa bizzejjed Roz.... Ma nithadtux izjed fuq dan is-suggett. Imbaghad, ma nistax nifhem il-ghala qghat tistenna din il-gurnata biex tqanqal dan kollu, meta jnissna ferhana ghax Anton ghalaq tmintax-il-sena.

Roza - Ghax illum, izjed mis-soltu, ghandi hsieb li qieghed itertaqli qalbi.

Liza - Xi hsieb jista' jkollok?

Roza - Il-hsieb ta' Anton.

Liza - Ma jidhirlix li ghandek ghalfejn ittaqqal mohhok bil-hsieb ta' Anton. Guvni bil-ghaqal, fl-ezamijiet dejjem minn ta' l-ewwel...Anzi jmissek isserrah rasek ghax gurnata ghad ikun il-bastun tieghek.

Roza - Mhux dawn l-affarijiet li qeghdin jinkwetawni. Anton m'ghadux zghir. Issa ghandu tmintax. Lill missieru jhobbu daqs ghajnejh, ghax wiccu jkun jidher meta jkun gej minn hdejh. Inhoss li huwa ma jaqbilx li ahna nghixu mifrudin.

Liza - Qatt qallek xi haga?

Roza - M'hemmx ghalfejn ighidli. Jiena zgura li huwa tigih hniena mill-posizzjoni li qed ighix fiha missieru, wahdu, u jhoss li m'ghandux ihallih ighix izjed mifrud minnu. Ghidli x'nibda naghmel jiena jekk huwa jiddeciedi li jmur ighix mieghu?

Liza - Anton ihallik?.....L-anqas biss nahsibha li Anton jista' jasa; s'hawn.

Roza - Tghidux dan mama'. Anton illum ihoss ruhu ragel Il-qaghda li jinsab fiha, b'ommu u missieru mifruda minn xulxin ma jistax ikun li ma ggiblux misthija quddiem shabu.

Liza - Ma nisthajjilx li hu wahdu f'din il-posizzjoni. Illum saret haga komuni li tisma' b'irgiel u niss mizzewga qeghdin ighixu mifrudin minn xulxin. Dak in-nhar kont qeghda nisma' l-avukat Micallef ighid li tiskanta bin-numru ta' kawzi ta' firda li jkun hemm il-qorti..... U hafna drabi ghal ragunijiet l-aktar zghar. Inti, ghall-inqas, ghandek raguni qawwija.

Roza - Anton m'huwiex guvni li jqis dak li jaghmel haddiehor. Huwa jaf li missieru jhobbu imhabba bla tarf u m'ghandux hliefu. Jaf li huwa lest biex jaghmel kull sakrificcju biex ikun jista' jghix mieghu. Jekk Anton ihoss il-kuxjenza tghidlu li ghandu jinghaqad ma' missieru, ibqa zgura li jitlaqni.

Liza - Qeghda tmarrad mohhok b'hafna mkwiet bla bzonn. Qeghda tghid l-illum Anton ihoss ruhu sar ragel. Jekk huwa jirraguna ta' ragel bil-ghaqal, kif tassew hu, m'hu sejjer qatt ipartat l-omm li rabbietu b'kura liema bhalha ma' missier li tabba' gieh il-familja.

Roza - Iskot ma, iskot! Ma rridx nisimghek titkellem hekk. Ghamel x'ghamel, Salvinu baqa' zewgi u missier l-iben wahdani li ghandi, li m'ghandi xejn ghezez minnu fid-dinja. Ma rridx nisma' kliem izjed kontra tieghu!

Liza - Ghalija jibqa' l-bniedem li zeblah l-ghezez oggett li qatt stajt noffrilu.

(Ma' l-ahhar kliem ta' Liza, tinstama' tinfetah l-antiporta u terga' tinghalaq).

Karmenu - (Minn gewwa) Hawn jien, Roz.

Liza - Waslu.

Roza - (Waqt li tmur fil-bieb tan-nofs biex tilqa' l-Karmenu) Ghaddi papa'.

Liza - Sejra ngib it-te'. (Liza tohrog mil-lemin)

Roza - (Mil-bieb) Ghadi hawn papa'.

Karm. - (Jidhol) X'ghandna Roz?

Roza - Kif int papa'?... Tajjeb?

Karm. - Talli ahna. Ta8 sebghin sena ma tantx tista' thossok tajjeb.

Roza - Anzi Alla jbierkek papa'. Donnok ma titbiddel qatt.

Karm. - Imma z-zmien hemm qieghed.

Roza - Anton mhux mieghek?

Karm. - Iva mieghi kien. Sibtu qed jistennieni hdejn il-karrozzi. Baqa' jitkellem ma' xi hadd hdejn il-bieb. .......X'ghandek Roz, x'int mixruhba? Jaqaw ma tiflahx?

Roza - Inhossni f'sikti.... Imma.....ma tafx papa'?......

Karm. - Ghandek ragun binti....Ghandek ragun. Emminni li ma tghaddix gurnata li ma nahsibx fik. Kultant inhoss toqol fuq il-kuxjenza.......inhoss li qisni ghandi sehem fil-htija.

Roza - Le, le, papa'. M'ghandekx ghax tahsbu dan. Inti xi htija ghandek? Anzi, ghal kuntrarju, kliemek dejjem kien ta' farag kbir ghalija.

Karm. - Issa nhossni xjieht Roz., u ma baqghalix xewqa ohra qabel immut hlief li nerga' narakhom kuntenti kif ghextu ghal hmistax il-sena.

Roza - Ma nafx papa'....Ma nafx. Donnha haga li ma tistax tkun. Kemm kelli nkun svinturata.

Karm. - Tibzax binti. Il-Bambin ghad ipattilek ta' kemm sofrejt. ......U ibni sofra wkoll Roz. Ma nasalx biex infemek kemm patta bl-ahrax l-izball tieghu f'dawn il-hames snin.

Roza - Kif inhu?

Karm. - Kif tidu li jkun Roz? Id-dmugh dejjem fi' xfar ghajnejh. Ghal sighat shah joqghod ihares lejn ir-ritratt tieghek.... u t'ibnu, u jahsilhom bid-dmugh.

Roza - (<u>Qalbha maqsuma, bid-dmugh fi' xfar ghajnejha</u>). Tghidlix izjed papa'....Tghidlix izjed. Hannejtu tant. Kont ghadni daqsxejn ta' tifla ta' sittax-il-sena meta nnamrajt minnu. Bqajt ghalih biss....Imma kif?.... Kif seta' ghal mument wiehed biss iwarrabni minn quddiem ghajnejh?

Karm. - Ix-xitan binti. Ix-xitan ghemieh.....Imma issa xxotta dak id-dmugh. Thallix li jigi Anton u jsibek tibki ghax jinkieta ruhu u minflok nallegrawh ghax sar guvni, insewdulu qalbu.

Roza - (<u>Waqt li tixxotta d-dmugh</u>) Ghandek ragun. Imma kollu ta' xejn li nisforza....Qalbi mardet ghal kollox. Ma nixtieqx hlief nibki....Nibki sakemm ma jifdallix dmugh izjed x'inxerred.

Karm. - Taghmilx hekk Roz. Ara kif sirt mizerja...... Ghandu ragun ikun inkwetat Anton.....M'ghandekx tinsa li wara l-maltemp tohrog ix-xemx.

Roza - Hekk ighidu.....Imma ghalija, ix-xemx donnha stahbiet ghal dejjem.

Karm. - Min jaf?....Tassew li s-salib tieghek huwa kbir, imma tinsiex li fid-dinja kulhadd ghandu salib x'jerfa'. M'hawnx min ghandu wliedu ma jirrispettawhx? Inti, Alla jbierek, rabbejt guvni illi, dur u dur, il-kliem tieghu ma jaqax hlief fuq ommu.

Roza - Allahares ma kienitx l-imhabba ta' Anton biex stabart f'dawn il-hames snin.

(Tidhol fih-hin Liza mil-lemin bit-"tea-pot").

Karm. - Kif int sinjura Liz?

Liza - (Waqt li tqieghed it-"tea-pot" fuq il-mejda) Ma ngergirx. Ghal-sitta-u-sittin inhoss li ghandi ghadni f'shati sewwa.

Karm.- Mhux bhali. Riglejja bdew jghajjew.

Liza - Mela Anton ma giex?

Roza - Waqaf jitkellem ma xi hadd hdejn il-bieb.

Karm. - Kont qieghed nghid lil Roza li ghandha tassew biex tifrah, tara lill Anton imlahhaq guvni. U ghandha biex tiftahar ukoll, ghax ftit hawn guvintur ta' zmienu bil-ghaqal daqsu.

Liza - Meta trabbi sewwa, is-sewwa ssib.

(Tinstama' tinfetah l-antiporta u terga' tinghalaq).

Roza u Karmenu - Gie.

Anton - (Minn gewwa) Jiena hawn mama'.

Roza - Qeghdin nistennewk. (Tersaq lejn il-bieb tal-lemin) Dolor, gib is-"sandwiches" u l-Jelly.

Liza - Issa ma noqghodux qisna bziezaq. Il-festa ghamilnijilu biex narawh ferhan w allegru.

Karm. - Sewwa qeghda tghid sinjura Liz.

(Tidhol mil-lemin Dolor, f'id wahda is-"sandwiches" u fl-ohra l-"Jelly").

Dolor -- Hawn sinjura.

(Waqt li Roza tehodhom minn idejn Dolor u Dolor terga' tohrog mil-lemin, jidhol minn-nofs Anton).

Anton - Maghkom jien.

Roza - Mela nistghu nibdew. Xi tghid Anton?

Anton - X'hin trid mama'.

Roza - Oqghodu bil-qeghda halli nferralkom il-te'.

Anton - (Waqt li jaghzel il-post mal-mejda li jhares lejn ir-ribalta). Jiena se noqghod hawn mama'. (lil nannuh) Oqghod hawn int nann.

(Iqeghdu f'ras il mejda, fuq il-lemin tieghu. Imbaghad idur fuq nantu u jqeghda faccata ta'Karmenu, fir-ras l-ohra tal-mejda).

W inti oqghod il-din in-naha nanna Liz. Il-mama' toqghod faccata tieghi. Tajjeb hekk mama'?

Roza - (Tibda tferra t-te') Tajjeb hafna.

Anton - Haqqek prosit tassew mama'. Ghamiltli "Birthday cake" kif xtaqt jien. (Lil nannuh) X'jidirlek eh, nann?..... Kemm tinqala' l-mama' ghall-helu.

Karm. - Tinqala' nghid.

Roza - Hudu z-"sandwiches".

(Imiddu jdejhom u jiehdu s-"sandwiches").

Liza - Issa tista' tghidilna x'inhu r-rigal li ghazilt u l-ghala ma hallejtniex nghasluh ahna, bhal snin ohra?

Anton - Ghax hassejt li kien xieraq li din id-darba r-rigal ikun aqwa w isbah minn ta' snin ohra. Ta' tmintax-il-sena wiehed ihossu li sar guvni; allura l-okkazzjoni hija iktar importanti minn gheluq snini moghoddija.

Rosa - Ahna rigal sabih kien fi' hsiebna natuk.

Karm. - Jiena wkoll kont bil-hsieb li nixtrilu xi haga li jiehu gost biha; imma zammni kif, milli jidher, zamm lilkom. Nahseb li Anton xtaq jaghzel xi haga li ahna ma kienitx tigina f'mohhna li natuhielu.

Liza - Ma tantx jaharbulna malajr ix-xewqat ta' Anton ghaliex drajnihom sewwa u ma konniex sejrin ma naghzlux haga li tassew jiehu gost biha.

Anton - (Lil nantu) Ghandek ragun nann. Imma ma nahsibx li kont tasal biex tatihieli l-haga li xtaqt; ghalhekk ridt nehodha b'idejja.

(Sadattant qeghdin jieklu s-sandwiches u jixorbu l-te', u Roza tqassam fil-plattini l-"Jelly").

Liza - Iva x'tista' tkun dil-haga?

Anton - Ftit tal-pacenzja ohra nann. Ma jidirlekx li jmissna nixgheluh 'l-"cake" mama'?

Roza - Nixgheluh. (Tixghel it-tmintax il-xemgha tal-cake).

Anton - Din id-darba xtaqt li niehu rigal wiehed biss li jkolkom sehem fih ilkoll. Il-mama', in-nannu Karm., in-nanna Liz....... u l-papa' wkoll. Rigal minn ghand l-ghezez erba' min nies li ghandi u li nibqa' nghozzu kemm indum haj.

Roza - Galadarba hija haga li xtaqt daqstant, nahseb li lkoll niehdu pjacir narawk tiksibha.

Anton - Dak li nixtieq.....Li tizgurawni li dak li ghazilt tkunu kuntenti li tatuhuli.

Liza - Lili m'hemmx ghalfejn tistaqsini. Jiena mhux minn dejjem ikkuntentajtek f'kollox?....Tant, li meta kont zghir, il-mama' kienet dgerger ghax kienet tghid li qeghda nrabbik hazin.

Karm.,- Nghid ghalija, dak li tixtieq, hu x'inhu, noffrihulek minn qalbi.

Roza - Jiena m'hemmx ghalfejn nitkellem. Mhux hekk Anton?

Anton - Grazzi....Nirringrazzjakom minn qalbi. Ma nistax infissrilkom kemm qieghed inhoss ruhi kuntent.

Liza - Imma issa m'hemmx ghalfejn iddewwimna izjed bil-kurzita'.

Anton - Minuta ohra nann. Halli nara ghandix hila nitfi t-tmintax il-demgha f'nifs wiehed.

(Kulhadd iqum)

Nannu, hemmek hemm is-"switch".

(Karmenu jersaq hdejn il-bieb tan-nofs, in-naha tal-lemin, fejn ikun hemm is-"Switch").

Anton - Malli titfi, nonfok,....u tixghelx qabel nghidlek.
Ibqghu ftakru li f'gheluq it-tmintax il-sena tieghi
tajtuni l-ikbar u l-isbah rigal. Itfi nann.

(Dlam. - Anton jitfi x-xemgha u
fil-hin jidhol minn-nofs SALVINU
li jogghod mal-koxxa tal-bieb)

Ixghel nannu.

(Dawl- Liza u Roza jindunaw
b'Dalvinu u jibqghu ssummati.
Karmenu jbaxxi rasu. Pawsa
ta' sekondi).

Ir-rigal!

Roaza - Salvinu!.....Salvinu!!

Salvinu - Roza!

(Jersqu lejn xulxin mil-lemin
tal-mejda. - Jitghanqu. Karmenu
jhares lejhom, jitbissem u taqbizlu
demgha ta' ferh. Liza tibqa' hiemda.
Anton thares lejha u jersaq hdejha)

Anton - Tichaduli nann?.......

(Liza thares f'ghajnejn Anton, taqbzilha
demgha, imbaghad, b'salt, iddawwar
dirghajha t)tnejn mieghu u tghanqu
maghha. Quadru. Tghalaq il-purtiera
malajr).

T M I E M.